Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1817

Kaz Numru 2431/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Marcelline Cuschieri

U

Personal Security Services Ltd

Dwar tkeccija mill-impjieg
Allegata li hija ngusta

Illum ~~22~~ 29 ta' Ottubru 2007

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara ittra ossia dikjarazzjoni mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 17 ta' Novembru Jannar 2005 mill-Avukat Dr. Marvic Debarro li bghat din l-ittra ghan-nom ta' Marcelline Cuschieri fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

Ms Marcelline Cuschieri maghrufa bhala l-appellanta kienet assistita mill-Avukatessa Dr. Joanne Vella Cuschieri u ghall-Kumpanija Personal Security Services Ltd deher Claudio Spiter assistit minn Dr. Paul Farrugia.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li kienet tahdem mal-kumpanija Personal Security Services Ltd bhala part-time security u kienet imkeccija peress li hadet leave mhux awtorizzat.

L-istess appellanta tghid illi kien id-direttur stess tal-kumpanija li qabbad lilha sabiex taghmel xi xoghol privatament ghalih u ghalhekk minhabba r-ragunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni it-tkeccija hija ingusta u ma saritx ghal ragunijiet skond kif titlob il-Ligi.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Marcelline Cuschieri gie terminat minhabba li ma kienetx "available" ghax-xoghol meta s-socjeta kellha bzonnha.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Wayne Attard li huwa senior security guard mal-istess ditta fejn qal li kien hadem xi drabi ma Marceline Cuschieri u mar jaghmel xi xoghol privat maghha pero hu ma giex imkecci. L-istess xhud ammetta li zbalja. Xehed ukoll Christian Testa security guard fejn qal li jahdem mad-ditta u kemm hu kif ukoll l-appellanta hadmu flimkien u mar jahdem security x'imkien iehor fuq suggeriment taghha. Xehed ukoll Claudio Spiteri li huwa konsulent fuq sigurta mal-kumpanija fejn qal li r-raguni principali tat-tkeccija kien il-fatt li Marcelline Cuschieri tablet ghal leave pero l-Operations Manager is-Sur Mcqueen ma tahiex leave u ghalhekk tkecciet ghax xorta ghax hadet il-leave. Raguni tat-tkeccija ukoll huwa l-fatt li l-appellanta kienet tghaddi hin mhux f'posta u fil-prezenza ta' terza persuna. Ix-xhud ikkonferma li l-appelanta ma kinetx tithallas tal-leave u li ma kien hemm xejn fil-ftehiem tax-xoghol li ma setghetx tahdem xoghol iehor. Xehed ukoll Mr. Mcqueen fejn qal li huwa l-operations manager ta' Personal Security Services Limited biss pero kemm il-principal tieghu u Vigilante Security Services Limited huma assocjati ma xulxien u l-appellanta hija impjegata maz-zewg kumpaniji. Zied jghid illi meta impjegata tieghu tiehu l-leave trid taghti r-raguni kif ukoll trid taghti avviz minn qabel u l-impjegati jafu b'din il-procedura. Spjega illi l-appellanta cemplet fejn talbet ghal emergency leave u ix-xhud insista li ried raguni ghalfejn riedet il-leave u hi ma ridietx taghtih raguni u b'hekk gie itterminat ix-xoghol taghha..

Xehedet Marcelline Spiteri l-appellanta fejn qalet li bdiet tahdem fil-kumpanija madwar Marzu 2005 u ghal habta ta' Awissu 2006 id-direttur Mr. Baldacchino Romano kellu bicca xoghol personali u ried

iqabbad lill-appellanta u terza persuna ohra jaghmlu xi bicca xoghol it-Turkija. L-appellanta giet assigurata mis-Sur Baldacchino Romano li kien ser ikollha ij-job lura ghax infurmatu li l-operations manager ma tahiex leave u tkecciet. L-istess appellanta ammettiet li l-leave taghha ma giex appruvat.

Xehed ukoll David Morgan fejn qal li li jahdem mal-kumpanija Personal Security. Qal li t-talba ghall-leave tieghu la kien approvat u l-anqas ma giet michud. Kemm hu kif ukoll l-appellanat rcevew telefontata li tkeccew pero huwa gie assigurat mis-Sur Baldacchino li ser ikun re-instated meta jasal lura. Meta gie lura ma giex re-instated. Rega xehed Mr. Mcqueen fejn qal li instab replacement ghax-xoghol tal-appellata minnja stess.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li qieghed jemmen illi Marcelline Cuschieri li kienet applikat ghall-leave propju ftit ta' zmien qabel ma ridietu pero hija l-prerogattiva tal-principal li jakkorda jew le l-leave anki minhabba l-fatt li kien emergency leave. Il-fatt li l-istess Marceline Cuschieri sabiex hi stess replacement minn impjegat tal-istess ditta xorta din ma tnehhiex il-prerogattiva tal-principal jekk jakkorda l-leave jew le. Ta' min isemmi ghalhekk illi l-isess Marceline Cuschieri hadet jekk nista nghid "Il-Ligi f'ideja" u opponiet ghal ordni tal-principal u naqset li tmur ghax-xoghol meta hi kienet taf li kien imissha xoghol. Hi stess qalet li kellha l-assigurazzjoni tal-Managing Director li il-post kien taghha mal-wassla taghha lura f'Malta.

It-Tribunal jara stamba kif ma ngabx bhala xhud lis-Sur Baldacchino Romano u qieghed jaghmilha cara li mhux ser jidhol fil-politka interna tal-kumpanija u ser jillimita ruhhu ghall-fattu u ghall-Ligi.

It-Tribunal ihoss illi s-socjeta Personal Security Services Limited kienet gustifikata li tkecci lill-Marceline Cuschieri ghax ma rraportatx ghax-xoghol meta kienet taf li l-leave taghha ma kienx approvat.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija Personal Security Services Limited kien gustifikat li jkecci lill-Marceline Cuschieri mix-xoghol ghar-raguni ta' abbandun ta' xoghol.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vera kopja

Vince Micallef
Segretarju